DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-26 ta' Novembru 2014

li temenda d-Deċiżjoni 2010/4/UE, Euratom li tawtorizza lill-Bulgarija biex tuża l-istatistika tas-snin aktar bikrija mis-sena ta' qabel tal-aħħar u biex tuża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT

(notifikata bid-dokument C(2014) 8929)

(It-test bil-Bulgaru biss huwa awtentiku)

(2014/848/UE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 4(4) u t-tieni inċiż tal-Artikolu 6(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji,

Billi:

(1) Għall-finijiet tat-tqassim tat-tranżazzjonijiet skont il-kategorija statistika stabbilita fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89, il-Bulgarija hija issa f'pożizzjoni li tuża l-kontijiet nazzjonali relatati mas-sena ta' qabel tal-aħħar qabel is-sena finanzjarja li għaliha trid tiġi kkalkulata l-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT. Il-Bulgarija m'għandhiex aktar il-ħtieġa li tiġi awtorizzata tuża l-kontijiet nazzjonali għal snin aktar bikrija mis-sena ta' qabel tal-aħħar fil-każ tas-snin finanzjarji wara l-2013. L-Artikolu 1 għandu għalhekk jiġi limitat fiż-żmien sal-31 ta' Diċembru 2013.

(2) Skont l-Artikolu 390a tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([2]), il-Bulgarija tista', skont il-kundizzjonijiet li japplikaw f'dak l-Istat Membru fid-data tal-adeżjoni, tkompli teżenta t-trasport internazzjonali tal-passiġġieri kif imsemmi fil-punt 10 tal-Anness X, il-Parti B ta' dik id-Direttiva, sakemm l-istess eżenzjoni tibqa' tiġi applikata f'xi wieħed mill-Istati Membri li kienu membri tal-Komunità fil-31 ta' Diċembru 2006; dawk it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati biex tkun determinata l-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT.

(3) Il-Bulgarija talbet awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni biex tuża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT minħabba li mhix f'pożizzjoni li tagħmel il-kalkolu preċiż tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt 10 tal-Anness X, il-Parti B tad-Direttiva 2006/112/KE. Kalkolu bħal dan x'aktarx li jinvolvi piż amministrattiv mhux ġustifikat meta wieħed iqis l-effett ta' dawn it-tranżazzjonijet fuq il-bażi totali tal-Bulgarija tar-riżorsi proprji tal-VAT. Il-Bulgarija hi fil-pożizzjoni li tagħmel kalkolu billi tuża stimi approssimattivi għal din il-kategorija ta' tranżazzjonijiet. Il-Bulgarija għandha għalhekk tingħata awtorizzazzjoni biex tikkalkula l-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT billi tuża estimi approssimattivi.

(4) Għall-finijiet ta' trasparenza u ċertezza ġuridika, hu xieraq li jkun hemm limitu ta' żmien għall-applikabilità tal-awtorizzazzjoni.

(5) Huwa għalhekk xieraq li tkun emendata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/4/UE, Euratom ([3]) skont dan,

([1]) ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/4/UE, Euratom tat-22 ta' Diċembru 2009 li tawtorizza lill-Bulgarija biex tuża l-istatistika tas-snin aktar bikrija mis-sena ta' qabel tal-aħħar, u biex tuża certi estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT (ĠU L 3, 3.1.2010, p. 17).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/4/UE, Euratom hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikoli 1 u 2 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Sabiex isir tqassim skont ir-rata imsemmija fl-Artikolu 4 (4) tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1553/89 il-Bulgarija hija awtorizzata mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2013 biex tuża ċifri miksuba mill-kontijiet nazzjonali tas-sena li tiġi t-tieni qabel tal-aħħar, jew it-tielet qabel tal-aħħar, qabel is-sena finanzjarja li għaliha tkun trid tiġi kkalkulata l-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT.

Artikolu 2

Għall-fini tal-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2018, il-Bulgarija qed tiġi awtorizzata biex tuża estimi approssimattivi fir-rigward tat-trasport internazzjonali tal-passiġġieri kif imsemmi fil-punt 10, l-Anness X, il-Parti B tad-Direttiva 2006/112/KE."

(2) L-Artikolu 3 jitħassar.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Bulgarija.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Kristalina GEORGIEVA
Viċi President